

Brussell, 29 ta' Mejju 2020
(OR. en)

8470/20

AG 25
INST 103
PE 24
SOC 377
EMPL 296
EMCO 1

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	15 ta' Mejju 2020
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2020) 3190 final
Suġġett:	DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI ta' 15.5.2020 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej proposta intitolata "Inniedu Introjti Bażiċi Mingħajr Kondizzjonijiet (UBI) fl-UE kollha"

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument C(2020) 3190 final.

Mehmuż: C(2020) 3190 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 15.5.2020
C(2020) 3190 final

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' 15.5.2020

**dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej proposta intitolata “Inniedu Introjti Bażiċi
Mingħajr Kondizzjonijiet (UBI) fl-UE kollha”**

(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' 15.5.2020

dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej proposta intitolata “Inniedu Introjti Bażiċi Mingħajr Kondizzjonijiet (UBI) fl-UE kollha”

(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 6 tiegħu,

Billi:

- (1) L-objettiv tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej proposta intitolata “Inniedu Introjti Bażiċi Mingħajr Kondizzjonijiet (UBI) fl-UE kollha”, kif emendata mill-grupp ta' organizzaturi bi tweġiba għall-ittra tal-Kummissjoni tad-19 ta' Frar 2020², huwa “li tiġi stabbilita l-introduzzjoni ta' introjti bażiċi mingħajr kondizzjonijiet fl-UE kollha li jiżguraw l-eżistenza materjali u l-opportunità ta' kull persuna biex tipparteċipa fis-soċjetà bħala parti mill-politika ekonomika tagħha. Dan l-għan għandu jintlaħaq filwaqt li jibqa' fi ħdan il-kompetenzi konferiti fuq l-UE mit-Trattati.” L-organizzaturi jitolbu lill-Kummissjoni biex tagħmel proposta għal introjti bażiċi mingħajr kondizzjonijiet fl-Unjoni, li jnaqqsu d-disparitajiet reġjonali sabiex tissaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fl-Unjoni u tindika li “dan għandu jilħaq l-għan tad-dikjarazzjoni konġunta tal-Kunsill Ewropew, tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni Ewropea, li fl-2017 iddikjaraw li ‘l-UE u l-Istati Membri tagħha se jappoġġjaw ukoll sistemi ta' protezzjoni soċjali effiċjenti, sostenibbli u ekwi sabiex l-introjtu bażiku jkun garantit' għall-ġlieda kontra l-inugwaljanza”.
- (2) Anness dwar is-suġġett, l-objettivi u l-isfond tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej proposta fih l-erba' kriterji li jiddefinixxu l-“Introjtu Bażiku Mingħajr Kondizzjonijiet” propost: jenħtieġ li dan ikun “universali”, “individwali”, “mingħajr kondizzjonijiet” u “għoli biżżejjed”.
- (3) It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jsaħħaħ iċ-ċittadinanza tal-Unjoni u jqawwi aktar il-funzjonament demokratiku tal-Unjoni billi jipprevedi, fost l-oħrajn, li kull ċittadin ikollu d-dritt li jipparteċipa fil-ħajja demokratika tal-Unjoni permezz ta' inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej.
- (4) Għal dan l-għan, jenħtieġ li l-proċeduri u l-kondizzjonijiet meħtieġa għall-inizjattiva taċ-ċittadini jkunu ċari, sempliċi, faċli għall-utenti u proporzjonati man-natura tal-inizjattiva taċ-ċittadini, sabiex tiġi mħeġġa l-parteeipazzjoni taċ-ċittadini u biex l-Unjoni ssir iktar aċċessibbli.

¹ ĠU L 130, 17.5.2019, p. 55.

² C(2020)909 final

- (5) Il-grupp ta' organizzaturi jirreferi għal numru ta' dispożizzjonijiet tat-Trattati kkunsidrati rilevanti, inkluż l-Artikolu 5 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jipprevedi li l-Istati Membri għandhom jikkoordinaw il-politiki ekonomiċi tagħhom fi ħdan l-Unjoni u li, għal dan l-għan, il-Kunsill għandu jadotta miżuri, b'mod partikolari linji gwida ġenerali għal dawn il-politiki. Din id-dispożizzjoni tagħti kompetenza għall-koordinazzjoni fl-oqsma ekonomiċi u soċjali dwar l-Unjoni, iżda ma tikkostitwix bażi ġuridika li tippermetti lill-Kummissjoni tagħmel proposta għal att legali tal-Unjoni.
- (6) Madankollu, att legali tal-Unjoni għall-fini tal-implimentazzjoni tat-Trattati dwar "Introjti Bażiċi Mingħajr Kondizzjonijiet fl-UE kollha" għal kull ċittadin, kif mitlub fl-inizjattiva proposta, jista' jiġi adottat abbażi tal-Artikolu 121(2) tat-Trattat. Din id-dispożizzjoni tippermetti lill-Kummissjoni tirrakkomanda li l-Kunsill jiformola abbozz għal-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri u tal-Unjoni, u jirrapporta r-risultati lill-Kunsill Ewropew. Abbażi tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew, il-Kunsill jista' jadotta rakkomandazzjoni li tistabbilixxi dawk il-linji gwida ġenerali.
- (7) Għal dawn ir-raġunijiet, l-ebda parti mill-inizjattiva proposta ma taqa' manifestament barra mill-qafas tas-setgħat tal-Kummissjoni li tressaq proposta għal att legali tal-Unjoni għall-fini tal-implimentazzjoni tat-Trattati, skont l-Artikolu 6(3)(c) tar-Regolament (UE) 2019/788.
- (8) Il-grupp ta' organizzaturi pprovda evidenza adattata li huwa jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 5(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2019/788 u ħatar il-persuni ta' kuntatt skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 5(3) ta' dak ir-Regolament.
- (9) L-inizjattiva la hija manifestament abbużiva, frivola jew vessatorja u lanqas ma tmur manifestament kontra l-valuri tal-Unjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u d-drittijiet stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.
- (10) Għalhekk, jenħteġ li l-inizjattiva proposta intitolata "Inniedu Introjti Bażiċi Mingħajr Kondizzjonijiet (UBI) fl-UE kollha" tiġi rreġistrata,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej proposta intitolata "Inniedu Introjti Bażiċi Mingħajr Kondizzjonijiet (UBI) fl-UE kollha" hija b'dan irreġistrata.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-grupp ta' organizzaturi tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata "Inniedu Introjti Bażiċi Mingħajr Kondizzjonijiet (UBI) fl-UE kollha", rappreżentata mis-Sur Klaus SAMBOR u s-Sur Ronald BLASCHKE li jaġixxu bħala persuni ta' kuntatt.

Magħmul fi Brussell, 15.5.2020

*Għall-Kummissjoni
Věra JOUROVÁ
Viċi President*